Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 250/2011

**Valletta Service Station Limited (appellata)**

**Vs**

**Francis Cassar (appellant)**

12 ta' Dicembru, 2016.

1. L-attrici harrket lill-konvenut ghall-hlas ta' €5,973.06, prezz ghall-bejgh u konsenja ta' diesel. Il-konvenut argumenta li l-hlas pretiz hu eccessiv ghaliex diga' hallas is-somma ta' €3,000. Kompla: *"Ghaldaqstant l-ammont dovut huwa ta' mitejn disa' mija u tlieta u sebghin euro u sitt centezmi (€2,973.06) ……"*.

2. B'sentenza tal-25 ta' Mejju, 2015 l-ewwel qorti ddecidiet:

   *"Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-konvenut kif minnu mpostata, tilqa' t-talba attrici limitatament ghall-ammont ta' €5,643.38 u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici l-imsemmija somma ta' €5,643.38, bl-imghax fuq is-somma ta' €5,560.29 dekoribbli mid-9 ta' Settembru 2010 sad-data tal-effettiv pagament"*.

3. Il-konvenut appella. L-aggravju hu li l-ewwel qorti zbaljat meta ma naqsitx is-somma ta' €3,000, pagamenti li jsostni li ta lill-attrici fi flus kontanti. Il-konvenut isostni li hu xehed li ghamel zewg pagamenti ta' €500 il-wiehed u tnejn ohra ta' €1,000 il-wiehed. Prova li skond hu m'hijiex kontradetta minn xhieda ohra. Skond l-attur l-ammont li ghadu dovut hu €5,973 - €4,400 = **€1,573**. Il-konvenut irnexxielu jipprova li in parti kien hallas l-ammont li ntalab fir-rikors promotur. Ladarba l-attrici ma tatx prova li teghleb ix-xhieda tal-konvenut u bbazat ruhha biss fuq rendikont li m'huwiex guramentat, allura l-qorti waslet ghal konkluzjoni zbaljata.

4. L-attrici wiegbet (6 ta' Lulju, 2015) fejn tat ir-ragunijiet ghalfejn il-qorti ghandha tichad l-appell.

5. Ladarba l-konvenut allega li mill-pagament pretiz hallas is-somma ta' €3,000, kellu jaghti prova li hallas dik is-somma permezz ta' zewg pagamenti ta' €1,000 il-wiehed u zewg pagamenti ohra ta' €500 il-wiehed. Wara kollox min jallega jrid jipprova. Il-konvenut ikkonferma li kien hemm zmien meta beda jixtri d-diesel bid-dejn minghand l-attrici. Zied, *"Originarjament l-ammont li kelli naghti kien bejn €5,500 u €6,000, pero effetwajt pagamenti, tnejn ta'*

*€500 l-wiehed u tnejn ohra ta' €1,000 l-wiehed. Jiena dawn il-pagamenti ghamilthom cash, izda s-socjeta attrici ma rrilaxxatlix ricevuta imma kibtet fil-kotba taghha"*. Qal ukoll li ghalkemm fil-bidu kien ihallas permezz ta' cekkijiet, gie zmien meta kellu jibda jhallas cash ghaliex kienu nhargu mandati kontra tieghu. Il-qorti tosserva:

i. Il-konvenut ma qalx meta suppost saru l-pagamenti akkont ta' €2,000. Lanqas ma jsemmi minn fejn gab il-flus.

ii. Ma gabx prova tal-perjodu meta suppost kien hemm mandat kontrih li ma kinux qeghdin jippermettulu li jhallas iktar b'cekk. Din hi prova essenzjali jekk il-konvenut ried li jitwemmen f'dak li qieghed ighid.

iii. Filwaqt li fl-eccezzjonijiet iddikjara li l-pagamenti li ghamel kienu fit-total ta' €3,000, fir-rikors tal-appell argumenta li ma' dik is-somma kellhom jizdiedu €1,400 li thallsu permezz ta' cekkijiet (Dok. VS1 a fol. 51). B'hekk il-konvenut jippretendi li mis-somma li talbet l-attrici fir-rikors promotur, hallas iktar minn dak li ddikjara fit-twegiba li pprezenta quddiem l-ewwel qorti. Dan fih innifsu juri nuqqas ta' konsistenza u anzi hi verzjoni nkompatibbli mad-difiza li ta. Il-konvenut m'offra l-ebda spjegazzjoni ghalfejn din id-diskrepanza bejn dak li ddikjara fit-twegiba u l-verzjoni gdida li ta fir-rikors tal-appell (ara dik il-parti tar-rikors intestata *apprezzament zbaljat tal-fatti*).

iv. In kontro-ezami l-konvenut xehed li c-cekkijiet datati 23 ta' Gunju 2009 u 18 ta' Marzu 2009 ghas-somma totali ta' €1,500, kienu pagamenti tad-dejn (fol. 52). Hawn ukoll il-qorti ma tarax li l-konvenut hu kredibbli meta tikkunsidra dak li ddikjara fit-twegiba li pprezenta fl-ewwel qorti. Pagamenti li zgur ma jistghux ikunu parti mis-somma ta' €3,000 li l-konvenut qal li hallas minhabba li in ezami xehed: *"Jien dawn il-pagamenti ghamilthom cash….."* (fol. 61). Dan apparti li jidher li rega' bdielu ghaliex fir-rikors tal-appell ma semmiex li dawn kienu pagamenti ohra akkont li ghamel fir-rigward tad-dejn li ghandu mal-attrici. Dan apparti li mill-provi rrizulta kif ta' sikwit il-konvenut kien imur ghand Sammut u jitolbu jsarraflu cekkijiet.

v. Il-konvenut xehed ukoll li kien kreditur ta' Richard Pisani, maghruf bhala d-*disco*, fl-ammont ta' €1,000 u kien ftehem mieghu u ma' Alex Sammut (rapprezentant tal-attrici) li Pisani kien ser jaghmel pagamenti lill-attrici sabiex jinqata' mid-dejn li l-konvenut kellu mal-attrici. L-attur ressaq lil Richard Pisani bhala xhud (fol. 65), li min-naha tieghu kkonferma li kien ihallas lil Alex Sammut bhala pagamenti akkont tad-dejn li l-konvenut kellu mal-attrici. Ix-xhud ta x'jifhem li lil Alex Sammut kien tah is-somma ta' €440. Ghalkemm qal li kull meta kien jaghmel

pagament lil Sammut, dan kien inizzel notament fi ktieb li kien izomm ghandu x-xhud, il-ktieb ma giex prezentat. Madankollu Sammut xehed li Pisani kien hallas is-somma ta' €420, u semma wkoll id-dati meta saru l-hlasijiet (ara paragrafu 8 tal-affidavit).

6. Alex Sammut xehed li l-konvenut hu debitur fis-somma ta' €5,071.70 apparti l-imghax. Pero' mir-rendikont li hu stess ipprezenta (Dok. X) jirrizulta li hemm pagament iehor ta' €100 li sar fit-22 ta' April 2010 u li jidhirx li semmieh fl-affidavit.

7. Il-konvenut isostni li l-qorti minflok li ddecidiet a bazi tal-verzjoni li ta meta xehed, *"…. Strahet fuq semplici statement of accounts mizmum mis-socjeta attrici li fih innifsu mhux prova kontra x-xhieda bil-gurament tal-konvenut"* (fol. 3). Il-qorti ma taqbilx in kwantu l-ewwel qorti qieset ukoll dak li xehed Alex Sammut li ta dettalji dwar id-dejn u l-pagamenti li saru. Dan apparti li l-qorti qieset ukoll l-aspett ta' kredibilita ta' dak li xehed il-konvenut, kif wara kollox kellha d-dmir li taghmel. Hu evidenti li l-konvenut ma kkonvinciex lill-ewwel qorti li kien hallas is-somma ta' €3,000 fi flus kontanti. Fehma li din il-qorti taqbel maghha.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell. Peress li l-appellant kien bl-ghajnuna legali, m'hemmx x'jinghad dwar l-ispejjez.**

Anthony Ellul.